Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2004

Citazzjoni Numru. 1238/1993/2

**Martin Degabriele**

**Vs**

**Joseph Schembri**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fil-15 ta’ Settembru, 1993, li in forza taghha, wara li ppremetta illi f’Dicembru 1990, il-konvenut accetta l-inkarigu ta’ l-attur li jezegwixxi xoghol ta’ tellar fuq il-*Mini Bus* ta’ l-attur bin-numru ta’ registrazzjoni *Y-2249*;

Ippremetta illi fil-21 ta’ Marzu, 1991 il-konvenut kien ghadu ma bediex l-imsemmi xoghol u ghalhekk sar ftehim gdid fejn il-konvenut intrabat li jikkompleta l-imsemmi xoghol sal-20 ta’ April, 1992, kif jirrizulta mid-dokument anness u markat “Dokument A”;

Ippremetta illi fil-fatt il-konvenut accetta ukoll depozitu akkont tas-somma ta’ mitejn liri Maltin (Lm 200) imma qatt ma ezegwixxa l-appalt u wara diversi xhur ta’ delungar l-attur sabiex jehles kellu jbiegh l-istess vettura bi prezz baxx u “bix-xoghol” u *cioe’* bil-kirijiet tieghu liema bejgh sar fit-3 ta’ Lulju, 1991;

Ippremetta illi peress li kien nieqes mill-*mini bus* l-attur kellu mill-20 ta’ April, 1992 sad-data tal-bejgh jikri *mini bus* iehor u inkorra danni;

Ippremetta illi ghalkemm interpellat ghall-hlas permezz ta’ ittra interpellatorja tat-30 ta’ Lulju, 1991, u anke permezz ta’ Mandat ta’ Qbid mahrug fit-30 ta’ Ottubru, 1992, il-konvenut baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Talbet lill-konvenut sabiex jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjara lill-attur responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur minhabba inadempjenza ta’ l-appalt;

2. Tillikwida id-danni sofferti mill-attur, *okkorrendo* bl-opra ta’ periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dik is-somma li tigi likwidata *in linea* ta’ danni ghar-ragunijiet premessi;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra legali tat-30 ta’ Lulju, 1991, u tal-Mandat ta’ Qbid ipprezentat fit-30 ta’ Ottubru, 1992, kif ukoll bl-imghax mill-21 ta’ April, 1991 sal-jum tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha huwa eccepixxa illi;

1. Illi preliminarjament il-konvenut jeccepixxa l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni attrici *ai termini* ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

2. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost, il-konvenut mhux responsabbli ghal ebda danni allegatament sofferti mill-attur *stante* illi kien l-istess attur li naqas mill-ftehim li jissuplixxi l-*parts* li fuqhom kellu jahdem il-konvenut u b'hekk kull dewmien ma kienx htija tal-konvenut. Il-konvenut dejjem lesta mill-ewwel kull tiswija fuq il-*mini bus* meta gie supplit bil-parts.

*3.* *Inoltre* kien l-istess attur li qabad u nforma lill-konvenut biex ma jkomplix bix-xoghol u b'hekk kull ftehim li seta' kien hemm gie terminat unilateralment mill-attur, u dan hafna qabel ma l-attur biegh il-*mini bus.*

4. Illi l-konvenut jaqbel illi gie moghti mitejn lira Maltin (Lm 200) akkont, pero' dan b'ebda mod ma jindika hlas *stante* illi l-konvenut lahaq lesta hafna aktar xoghol milli thallas ghalih u ghamel spejjez in konnessjoni ma' l-istess xoghol u ghalhekk il-konvenut qed jipprevalixxi ruhu mill-prezenti azzjoni attrici sabiex jaghmel kontro talba.

*Salvi* eccezzjonijiet ohra.

Rat il-kontro-talba mressqa mill-konvenut li, in forza taghha, wara li ppremetta illi l-konvenut gie inkarigat mill-attur jaghmel xoghol ta' *panel beating* fuq il-*mini bus Y-2249;*

Ippremetta illi l-konvenut thallas mitejn lira Maltin (Lm 200) akkont waqt li kienu qed isiru x-xogholijiet;

Ippremetta illi l-attur waqqaf lill-konvenut milli jkompli jahdem fuq l-imsemmi *mini bus* minghajr ma kkumpensa lill-konvenut ghax-xoghol kollu li hu ghamel u l-ispejjez li hareg il-konvenut minn butu;

Ippremetta illi ghalkemm l-attur gie nterpellat b'ittra bonarja tat-2 ta' Settembru, 1991 biex jersaq ghal hlas kollu dovut lill-konvenut izda dan baqa' inadempjenti;

Talab lill-attur sabiex jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-attur ma hallasx lill-konvenut tax-xoghol kollu maghmul ta' *panel beating* fuq il-*mini bus Y-2249;*

2. *Kwindi,* tillikwida l-kumpens u spejjez dovuti lill-konvenut ghax-xoghol li hu ppresta fuq il-*mini bus Y-2249;*

3. Tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenut is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez kontra l-attur ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' l-attur ghal kontro-talba tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa illi;

1. Preliminarjament it-talba tar-rikonvenjent hija preskritta *ai termini* tal-artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili;

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju mhux minnu li r-rikonvenjent ghamel xoghol aktar milli thallas ghalih; anzi ghamel ferm anqas minn hekk;

*Salvi* eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet rispettivi tal-partijiet;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-28 ta' Frar, 1994, li in forza tieghu inhatar l-Assistent Gudizzjarju sabiex jiehu x-xhieda u jircievi dokumenti prodotti mill-partijiet;

Rat l-inkartament u l-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat id-depozizzjonijiet tax-xhieda li taw ix-xhieda taghhom quddiem l-imsemmi Assistent Gudizzjarju;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Rat li l-kawza giet differita ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

L-attur, f'din il-kawza, kien sid ta' *mini van* numru numru *Y-2249* li kellu bzonn it-tiswija. Il-konvenut jahdem bhala *panel-beater* u lejn tmiem is-sena 1990, l-attur ha l-*van* ghand il-konvenut biex issewihulu; huma ftehmu fuq prezz ta' sitt mitt lira Maltin (Lm 600). Ix-xoghol li kellu jsir kien jikkonsisti illi jinbidlu l-qxur tal-bibien ta' quddiem, jinbidlu l-gnub, il-*mudguards* ta' quddiem, ic-*chassis* ta' quddiem, il-pilastri ta' wara, l-qxur tal-bibien ta' wara, kif ukoll ir-*running-boards.* Il-*parts* kellhom jigu ssupliti mill-attur, ghalkemm fil-kors tal-appalt l-konvenut accetta li jixtri r-*running-boards* huwa, kif fil-fatt ghamel. Fil-waqt li l-attur jghid li hu tah il-*parts* mehtiega xi gimgha wara li hadlu l-*van,* il-konvenut jichad dan u jghid li l-*parts*, kien jehodhomlu l-attur naqra naqra, u peress li x-xoghol kien jiddependi mill-*parts,* il-konvenut kien jahdem fuq il-*van* skond il-*parts* li jgiblu u skond meta iggibhomlu, b'mod li x-xoghol kellu jaqa' lura. L-appalt ma giex komplet ghax skond il-konvenut, l-attur ma gablux il-*parts* kollha necessarji.

F'Marzu tal-1991, il-partijiet ghamlu ftehim li in forza tieghu l-konvenut obbliga ruhu *"li l-Mini Bus numru Y-2249 ikun lest sal-20 ta' April min-naha ta' panel beater"*. Il-konvenut jallega li dan il-ftehim kien soggett ghal kundizzjoni li l-attur igiblu l-*parts* li kien jonqos. L-attur, ovvjament, ma jaqbilx li dak il-ftehim kien soggett ghal dik il-kundizzjoni, peress li, skond hu, l-*parts* kollha mehtiega kienu kollha f'idejn il-konvenut sa zmien gimgha wara li tah il-*van.* Hu jghid li l-iskrittura saret ghax iddejjaq jistenna biex jiehu l-*van* meta l-konvenut kien bil-kemm beda' jahdem fuqu. Il-*van* ma tlestix sal-20 ta' April, 1991, u dan peress li, skond il-konvenut, l-attur ma gablux il-*parts,* fil-waqt li skond l-attur, ghax il-konvenut ma hadimx fuqu.

Eventwalment, tqabbad *panel-beater* iehor, certu *Marco Attard,* biex jassisti fuq ix-xoghol li kellu bzonn dan il-*van*,

izda x-xoghol baqa' ma sarx peress li wara xi tlett gimghat, l-attur bih il-*van* lil certu *Mario Refalo.* Il-panel-beater *Marco Attard* ma kien lahaq ghamel ebda xoghol fuq il-*van* qabel ma dan inbiegh lil *Mario Refalo,* ghax hu wkoll kien qed jistenna *parts* minghand l-attur, izda dan qatt ma gabhomlu. Wara li l-attur biegh il-*van* lil *Mario Refalo,* dan, mill-ewwel, ha l-*parts* mehtiega lill-*panel-beater Marco Attard,* u dan lesta x-xoghol li kellu jaghmel fuq il-*van,* u ikkonsenjah lil *Mario Refalo.*

L-attur jghid li meta biegh il-*van,* biegh mieghu *van* iehor li kien qed juza bil-prezz ta' tnax il-elf lira Maltin (Lm 12,000) ghat-tnejn; il-*van* l-iehor kien tajjeb ghat-triq, tant li x-xerrej beda juzah mill-ghada li xtrah. L-attur jghid li l-*van* in kwistjoni kien xtrah sentejn u nofs qabel bil-prezz ta' ghaxar t'elef lira Maltin (Lm 10,000), u peress li bieghu sitt elef lira Maltin (Lm 6,000), qed jirriklama s-somma ta' erba' t'elef lira Maltin (Lm 4,000) bhala telf. L-attur qed jirreklama wkoll li jithallas lura s-somma ta' sitt mija u tlettin lira Maltin (Lm 630) li hu nefaq ghall-kiri ta' *van* iehor minn April, 1991 (hdax-il gurnata) sa meta bieghu fit-3 ta' Awissu, 1991, u dana peress li kellu jikri *van* iehor peress li kellu bzonn ghal xogholu; il-*van* krieh minghand *Speedway Garage* bil-kera ta' sitt liri Maltin (Lm 6) kuljum.

Fid-dawl tad-divergenzi fil-pozizzjoni taz-zewg partijiet involuti fil-kawza, il-Qorti qieset sew il-verzjoni taz-zewg nahat u hija inklinata li taccetta l-verzjoni tal-konvenut li hija korroborata bix-xhieda ta' *Marco Attard.* Anke kif dan *Marco Attard* gie involut fil-kwistjoni ma jaqblux il-partijiet, *pero'*, dan jikkonferma dak li qal il-konvenut, u *cioe'*, li hu gie msejjah mill-konvenut biex jassistih ilesti t-tiswija fuq il-*van* fi zmien qasir. L-attur ried il-*van* lura qabel ma jidhlu fix-xhur tas-sajf, u l-konvenut qallu li jekk jipprovdilu l-*parts,* hu jitlob l-assistenza ta' *panel-beater*, u dana a spejjez tieghu, biex ilestilu t-tiswija malajr. L-attur accetta, u l-konvenut tella l-*van* ghand siehbu *Marco Attard* biex, kif l-attur jipprovdi l-*parts*, jahdmu t-tnejn fuq il-*van*. L-attur, *pero'*, ma ipprovdix il-*parts*, u *Marco Attard* xehed li l-*van* dam tlett gimghat jingombralu l-*garaxx* jistenna lill-attur jipprovdilu l-*parts* li, *pero'*, qatt ma waslu. Il-problema ma jidhirx li kienu l-*parts*, izda d-disponibilita' ta'

l-attur li jipprovdihom, tant li hekk kif l-attur bih il-*van* lill-terz, certu *Mario Refalo,* dan mill-ewwel ipprovda lill-*panel-beater* bil-*parts* mehtiega u x-xoghol sar.

Huwa veru li, meta f'Marzu tal-1991, giet iffirmata l-iskrittura fejn il-partijiet ftehmu li x-xoghol kellu jkun lest sal-20 ta' April, ma ssemma xejn dwar il-kundizzjoni li l-attur jipprovdi l-*parts* fi zmien qasir, izda kif gie deciz diversi drabi, kontra l-massima *"contra scriptum testimonium non testur"*, huma ammessi provi orali biex jigi pruvat, fost hwejjeg ohra, xi fatt incidentali jew accessorju, jigifieri sekondarju, u mhux inkonciljabbli mill-iskritt, jew meta jkun hemm ftehim verbali li jammonta ghal kondizzjoni li subordinatament ghaliha saret il-konvenzjoni miktuba, u li minnha tiddependi l-ezekuzzjoni ta' dik il-konvenzjoni (ara "Mifsud vs Rizzo", deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-12 ta' Marzu, 1984, u "Caruana vs Bonnici", deciza minn din il-Qorti fil-31 ta' Jannar, 2003).

Il-mod ta' kif sehhew l-affarijiet, jikkonvincu lill-Qorti li dik il-kitba kienet soggetta ghal kondizzjoni verbali li l-attur jipprovdi l-*parts*. L-attur stess jaqbel li hu kellu jforni l-*parts* kollha mehtiega (hlief ghar-*running-boards)*, u fid-dawl tal-esperjenza li kellu jghaddi minnha *Marco Attard,* tqis verament li d-dewmien ghal ezekuzzjoni tal-appalt ma kienx imputtabili lill-konvenut, izda ghal istess attur li ma zammx il-parti tieghu tal-ftehim, u *cioe'*, li jforni lill-*panel-beater* bil-*parts* kollha mehtiega.

Darba li l-bazi ta' l-azzjoni attrici waqghet, it-talbiet attrici ma jistghux jigu akkolti, u *kwindi* m'hemmx lok ghad-danni, u mhux mehtieg, allura, li din il-Qorti tinvestiga l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenut, inkluz dik tal-preskrizzjoni.

Ghar-rigward tal-kontro-talba tal-konvenut, hu veru li jirrizulta li hu kien lahaq ghamel xi xoghol fuq il-*van,* izda dan ix-xoghol ma giex indikat bi precizjoni u lanqas ma gie valutat. Il-konvenut jghid li kien qabbad *surveyor* biex jaghmillu stima tax-xoghol li lahaq ghamel fuq il-*van,* izda la gie prodott is-*surveyor* li allegatament ghamel l-istima, u

lanqas ma giet ezebita stima tax-xoghol li suppost wettaq il-konvenut. Il-konvenut kien inghata mitejn lira Maltin (Lm 200) depozitu ghax-xoghol li kellu jaghmel fuq il-*van,* u kollox ma kollox, il-Qorti tqis li din is-somma ghandha titqies sufficjenti ghal dak li wettaq il-konvenut, specjalment fid-dawl tan-nuqqas ta' prova prodotta. Anke hawn, ghalhekk, mhux mehtieg li l-Qorti tinvestiga l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-attur, peress li t-talbiet tal-konvenut ma jimmeritawx li jigu akkolti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet esposti, tiddisponi minn din il-kawza billi, fl-ewwel lok, tilqa' it-tieni eccezzjoni tal-konvenut u b'hekk tichad it-talbiet kollha ta' l-attur, bl-ispejjez kontra tieghu; fit-tieni lok, tilqa' t-tieni eccezzjoni ta' l-attur, u tichad it-talbiet kollha rikonvenzjonali tal-konvenut, bl-ispejjez, fic-cirkustanzi, din id-darba jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------